FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 14 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.426/96

First International Limited

vs

Wilfred Spiteri

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Mitt Lira Maltija, (Lm100.00), rapprezentanti l-ammont dovut fuq prezz ta' merkanzija mibjugha lilu u debitament ikkonsenjata. Bl-ispejjez u bl-interessi legali.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma ppresentax risposta fir-rigward, u lanqas ma deher;

Ra l-verbal li bih s-socjeta' attrici rtirat it-talba ghall-imghaxijiet;

Semgha x-xhieda ta' Carmelina Buhagiar, Credit Controller tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut, u li l-ahhar pagament sar f'Jannar, 1995;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Peress illi jirrizulta mix-xhieda prodotta li l-ammont ghadu dovut, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Mitt Lira Maltija (Lm100.00), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.